# PROGRAMM Festa Santa Marija
# Imqabba 1989



# L-offerta tas-Sena ta'
# TELEMOVIE VIDEO SERVICES
# U
# OXFORD PHOTO STUDIO

7, PAOLA SQUARE, PAOLA - TEL: 228069

Meta tordna r-ritratti u l-video ta' xi okkażjoni bħal TIEĠ, ENGAGEMENT jew xi attività oħra tkun qed tieħu sehem f'lotterija li tista' trebbħek




**ŻEWĠ FLYAWAY TOURS,**
btala għal tnejn min-nies għal sebat ijiem f'Londra kollox imħallas, jew xi wieħed minn
**sitt radio cassette recorders.**





Il-biljetti jingħataw hekk:

WIEHED għal booking ta' VIDEO biss
WIEHED għal booking ta' RITRATTI biss
TLIETA għal booking ta' RITRATTI uVIDEO

---

Il-lotterija tagħlaq fl-aħħar tas-sena 1989 u titla' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Jannar 1990 fl-uffiċċju tal-Lottu Pubbliku, Beltissebħ.

---

L-EBDA KONNESSJONI
MA' XI HANUT IEHOR

tele movie
video services

DPL 9/89

# KING GEORGE V BAND CLUB MQABBA

## KUMITAT 1989

**PRESIDENT ONORARJU**
Leonard Farrugia

**PRESIDENT**
Joe Farrugia

**VIĊI-PRESIDENT**
Twanny Camilleri

**SEGRETARJU**
Carmel Zahra

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASST. SEGRETARJU**
Carmel Ellul

**ASST. KAXXIER**
Nicholas Cassar

**MEMBRI**
Innocent Farrugia
Paul Gauci
John Galea

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. George Martin A. Mus., L.C.M., O.S.T.J.

**ASST. DIRETTUR TAL-BANDA**
Twanny Camilleri

**KUMMISSJONI BANDA**
Raymond Camilleri
Kevin Camilleri
Adrian Zahra

**RAPPREZENTANT FIL-BAND CLUBS ASSOCIATION**
Twanny Camilleri

**DELEGATI TAN-NAR**
Nicholas Cassar
Carmel Zahra

**AWDITUR**
Andrew Ellul




# ELBROS CONSTRUCTION LTD.

Tar-Robba.
l/o Kirkop
TEL: 829660

- Building Construction and Concrete Mix
- Excavation Works
- Crane - Hire

All at Competitive Prices

# IL-KELMA TAL-KAPPILAN



Fr. Willie

Dan is-seklu jista' jissejjaħ bir-raġun kollu bħala is-seklu Marjan. Dan għaliex il-Madonna kienet u għadha is-suġġett favorit f'ħafna mid-diskorsi tal-Papiet ta' dan is-seklu, b'mod speċjali f'dawk tal-Papa preżenti, Ġwanni Pawlu it-Tieni.

Aktar ma' jgħaddi ż-żmien, il-figura u l-missjoni ta' Marija qed jidhru dejjem aktar ċari. Marija m'għandiex titqies biss bħala dik li għexet madwar elfejn sena ilu u dik li tatna lil Ġesu' tarbija.

Fuq it-tagħlim tal-Papiet, Marija hija figura ħajja li għandha ħafna x'tgħallem u ħafna x'tagħti lill--bniedem tal-lum.

Għalhekk, ma' tagħmilx sens l-idea li wieħed jirrikorri lejha meta huwa fil-bżonn biss. Ħafna drabi d-devozzjoni lejn Marija tiddependi mill-kobor tal-bżonn (ħtieġa) tagħna. Meta mbagħad il-bżonn jgħaddi, il-Madonna terġa' ssir dik l-istatwa bla ħajja, li tinsab bi kwietha fin-niċċa għal meta jerġa' jinqala' l-għawġ lilna jew lil ta' madwarna. Dan l-aġir juri biss devozjoni superfiċjali u bla sens.

Għal kuntrarju, Marija hija dik l-OMM li qed tieħu ħsiebna bil-qalb u tassew. Għandna nqegħdu t-tamiet kollha tagħna fiha u meta jitfaċċa l-għawġ nkunu lesti li nilqgħu kollox minn idejn Alla, għall-imħabba tiegħu u f'għaqda sħiħa ma' Ommu Marija.

Daqstant hija mportanti l-preżenza spiritwali tagħha f'qalbna, u fil-familji tagħna.

Huwa propju permezz ta' din il-prezenza spiritwali li aħna nkunu qegħdin inqimuHa fil-misteru kbir tat-Tlugħ tagħha fis-sema fejn Hi marret biex tieħu l-premju mistħoqq għall-ħidma tagħha fit-twaqqif tas-saltna.

Hekk ukoll, huwa b`dan l-ispirtu li aħna għandna niċċelebraw il-festa tat-Tlugħ ta` Marija fis-Sema.

J`Alla nifhmu bis-serjeta li kull sagrifiċċju li nagħmlu jkun pass il quddiem fl-imitazzjoni ta`l-eżempji sbieh ta` Marija Santissima. J`Alla dan it-twemmin iġagħalna nlissnu b`konvinżjoni l-istess tifħir li bih żejjinha Dante Alighieri: "Inti tant inti kbira u tant tiswa, li kull minn irid jitqaddes mingħajr l-għajnuna tiegħek, ikun qisu għasfur li jrid itir mingħajr ġwienah".

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



# NAXOS TYRE CENTRE

## St. Thomas Street, Luqa (Opp. Runway)

**Wheel Balancing, Battery & Tyre Service and other car accessories**



# Messaġġ mill-President

Ix-xahar ta'Awissu reġa' magħna u għaldaqstant, il-ħsieb tagħna mill-ewwel imur fil-Festa ta' Santa Marija, Festa b' sinifikat kbir mhux biss għalina l-Imqabbin iżda għall-Maltin kollha.

Ir-raħal tagħna, għalkemm limitat fil-popolazzjoni, xorta waħda dejjem iċċelebra dan il-Jum bil-kbir, grażżi għas-sagrifiċċju u l-impenn tas-Soċjeta' tagħna, l-ewwel waħda f'raħalna u li kienet dejjem min ta` quddiem nett biex tgħolli isem l-Imqabba permezz ta` din il-Festa Titulari.

Iż-żminijiet jinbidlu, iżda le l-ideali u għalhekk, dak li kien jiġi organiżżat fl-imgħoddi irnexxielna nżiduh u niżvilupawh f'Festa li tagħmel ġieh l-ewwel nett lil raħal twelidna u mbagħad lil kull min jista' jgħid " Jien tajt sehmi biex wasalna s`hawn".

Jekk nieħdu l-qasam mużikali, kulħadd jaf b`liema għożża u sagrifiċju uliedna ġew mgħallma din l-arti mis-Soċjeta` tagħna. Nagħmel appell lielkom ġenituri sabiex tafdaw l`uliedkom f`idejn l-għalliema tal-Mużika tagħna, illi taħt it-tmexxija tas-Surmast/Direttur Chev. G. Martin jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom jgħallmu b`xejn; nassigurawkom illi b`hekk tkunu qed tagħmlu l-isbaħ investiment lil uliedkhom.

Jekk il-Festa kibret, kien dovut primarjament għall-impenn tal-banda tagħna li minn sena għal sena, issaħħet u sserjat. L-isbaħ ċertifikat ta` dan ħadnieh din is-sena stess, waqt is-servizzi speċjali għat turisti fin-Naxxar u tas-Sliema, fejn, għalkemm daqqejna kważi bil-bandisti tal-post biss, kellna bosta kliem ta` tifħir min dawn il-barranin illi jafu tassew japprezzaw l-arti tal-mużika.

Fattur importanti ieħor,illi għen u għadu jgħin ħafna sabiex il-Festa taghna laħqet il-livelli tal-lum kien in-nar sew ta`l-ajru kif ukoll ta` l-art. Minn din il-paġna, f'isem il-Kumitat, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw jew għadhom jagħtu sehemhom sabiex jinħadem dak in-nar li tiegħu aħna tant magħrufa għalih. Ma tgħaddix sena li ma jkollniex xi xogħol ġdid.

Biss, fid-dawl tal-ħafna inċidenti li ġraw matul is-snin, u saħansitra matul dis-sena stess (qiegħed nirreferi għal inċident li ġara lill-kollegi tagħna "Tal-Karmnu" taż-Żurrieq, fejn minn din il-paġna irrid nerġa' nuri s-sogħba u s-solidarjeta' tagħna lkoll waqt dawn il-mumenti ta` niket) nixtieq li nkomplu naħdmu b`aktar prudenza, attenzjoni u responsabilita`, kif dejjem sar, għall-ġid ta` kullħadd.

L-armar ukoll huwa pedina importanti sabiex nkabbru l-Festa. Kull min ilu midħla sew tal-Festa tagħna jaf bil-progress kbir li għamilna fejn jirrigwarda t-tiżjin tar-raħal " in ġenerali". M`hux ser ikollna triq fl-Imqabba illi, din is-sena, m`hux ser tkun armata bil-liedna, li grupp ta' żagħzagh, b`tant paċenzja , irnexxielhom ilestu. Is-suċess li kellna meta żanżanna s-sett bandalori bil-pittura għall-pjazza, imliena b`kuraġġ ta` sur tant li din is-sena ħsibna biex nibdlu d-drapp tat-trofej ukoll.

Il-kumitat għandu l-pjaċir iħabbar ukoll illi ser jiżżanżnu tlett pavaljuni kbar għal ħdejn l-iskola biex b`hekk inkunu bdilna d-drapp tad-dawra tal-purċissjoni kollha.

Ma' dawn l-affarijiet, ta` min wieħed isemmi ix-xogħol kbir li sar sabiex titlesta' s-Sala tal-Kunċerti fil-Każin tagħna. Din ser tkun Sala moderna attrezzat għall-ħtiġijiet sew tal-lum kif ukoll tal-ġejjieni, u li ser tiswa' ħafna fix-xogħol tal-banda tagħna. Prosit u grazzi lil kull min ta` sehemu f`dan il-proġett ambizjuż illi llum sar realta'.

Dan kollu li semmejt żgur m'huwiex dak kollu li għamilna, w`aktar w`aktar dak kollu li xtaqna nagħmlu. Bl-għajnuna t`Alla, ghandna l-ħsieb li nwettqu ħafna affarijiet oħra illi jkomplu jsebbħu l-każin tagħna kif ukoll inkabbru l-Festa tant għażiża għalina.

Biss, l-appell tiegħi għal dawn il-ġranet huwa sabiex naħdmu u nifirħu flimkien ħalli niċċelebraw kif jixraq, Festa Kbira ad unur ta` Ommna Marija Mtellgħa s-Sema. Is-suċċess għandu jkun garantit, għaliex il-preparazzjoni u l-ħidma saru bl-akbar serjeta' minn kulħadd; ta` dan , mill-ġdid grażżi lielkom soċji u partitarji. Jonqos biss is-sehem numeruż tagħkom matul il-jiem kollha tal-Festa sabiex b`vuċi waħda ngħidu:

"Viva Santa Marija Patruna ta` l-Imqabbin".



**Joe Farruġia**
**President**

# POLIDANO BROS. LTD
# CEMENT MIX LTD.






## Excavation & Concrete Contractors

**Ħal Farruġ Road,**
**l/o Mqabba**

# MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU



**Carmel Żahra**
**Segretarju**

Huwa ta' pjaċir kbir għalija kif ukoll id-dmir tiegħi bħala Segretarju tas-Soċjeta' Muzikali Re Ġorġ V li nikteb dawn l-erba' kelmiet marbutin mal-Festa li ġejja ta'Santa Marija Mtellgħa S-Sema. F'dan il-Jum nifirħu flimkien biex niċċelebraw b'solennita' u b'għożża kbira l-Festa tant mistennija ta' Marija Assunta, Ommna L-Imqabbin.

Din hija l-ewwel esperjenza tiegħi bħala Segretarju. Hija responsabbilita' kbira li nixtieq nerfagħha bir-responsabbilita' kollha li ġġib magħha, u għalhekk nieħu gost ħafna meta niltaqa' ma ċerti nies li bil-parir tagħhom jistgħu jgħinuni.

Qabel xejn nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju ta' qabli tax-xoghol li għamel lis-Soċjeta' tagħna tul id-diversi snin li għamel f'din il-kariga.

Huwa ta' sodisfażżjon kbir għalija li din is-sena, bil-għajnuna t'Alla u ta' Omna Marija, lestejna s-Sala l-ġdida tal-Kunċerti, illi kif tafu, hija ta' siewi kbir għall-futur tal-banda tagħna.

Bħal kull snin oħra, kulħadd ta' daqqa t'id kemm fix-xogħol tal-każin inġenerali, kemm fl-armar tal-Festa, kif ukoll dawk li tant jagħtu ħin għall-logħob tan-nar.

Għalhekk nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lid-dilettanti tan-nar għas-sagrifiċċju kbir li jagħmlu biex jagħtuna spettaklu mill-isbaħ. Ħafna drabi,anke l-familji tagħhom ikollhom ibatu.

Ma rridx ninsa wkoll lill-bandisti tas-Soċjeta' għas-servizz kbir li jagħtu,kif ukoll lin-nisa li jieħdu ħsieb jorganiżżaw attivitajiet bħal coffee mornings u jgħinu ħafna fil-ġbir.

Qabel nagħlaq, nixtieq nagħmel appell lill-partitarji kollha sabiex fil-ġranet tal-Festa iġibu ruħhom kif jixraq u kif tridna l-Madonna. Nieħdu pjaċir u nifirħu mingħajr ma' nweġġgħu lil ħadd, u jekk jista' jkun kulħadd jersaq lejn is-Sagramenti Mqaddsa sabiex il-Festa tkun waħda vera denja lil Marija.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

# SCICLUNA FLORIST



**Garden Centre**
**Bronja Street**
**Żurrieq**
**Tel: 829621**

For:... *Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...*

## MALLIA PETROL STATION

**PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI**
**DIAL: 605504**

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.
Kif ukoll:

- Silencers għal karozzi kollha
- Crash Helmets kbar u żgħar
- Kull kwalità ta' żjut
- Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
- Għodod
- Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
- Accessorji u spare parts ta' kull kwalità tajba
- Għandek issib ukoll muturi u karozzi għal bejgħ.

# Il-KELMA TAL-KAXXIER



**Carmel Briffa**
**Kaxxier**

Il-Festa tat-tlugħ fis-sema' ta' Ommna Marija tiġi ċċelebrata solennement mad-dinja kollha fil-15 t'Awissu. Fil-ġżejjer ta' Malta u Għawdex din il-festa għandha post speċjali fi qlub il-Maltin Kollha u mhux ta' b'xejn li din il-festa tiġi ċċelebrata b'mod grandjuż fir-raħal tal-Imqabba fejn il-parroċċa hija dedikata kollha kemm hi lil Madonna.

Is-Soċjeta' tagħna sa mit-twaqqif tagħha dejjem ikkontribwit bil-meżżi kollha possibli sabiex il-festi li jsiru ad unur ta' Santa Marija jkunu suċċess. Sabiex inkomplu nagħmlu dan irridu naħdmu id f'id u niġbdu ħabel wieħed matul is-sena kollha u fejn titfaċċa xi problema għandna nagħmlu ftit tas-sagrifiċċju u naffrontawha bil-kuraġġ kollu.

Matul is-sena l-ħidma fil-każin tagħna kompliet bl-istess ritmu bhal qabel, u propju dan ix-xahar għadu kif tlesta ix-xogħol fuq is-Sala l-ġdida u t-tromba tal-bejt. Ta' dan ix-xogħol nixtieq nuri l-ħajr u l-apprezzament tiegħi lil kull min ħadem volontarjament u lill-beneffatturi li għal grazzja t'Alla u ta' Santa Marija qatt ma naqsuna.

Il-Banda wkoll kompliet tagħmel il-progress meħtieġ taħt it-treġija tas-Surmast qalbieni Ġorġ Martin. Hawn ta' min jifraħ u jirringrazzja lil bandisti tal-lokal għas- sagriffiċju li jagħmlu matul is-sena billi jattendu għall-kunċerti u tas-sehem li taw lill-Banda fiż-żewġ servizzi li l-Banda diġa esegwiet għat- turisti, wieħed ġewwa "Palazzo Parisio" in-Naxxar u l-ieħor fil-Lukanda "Holiday Inn" tas-Sliema. Hawn irrid nagħmel appell liż-żgħażagħ sabiex juru iżjed interess fil-banda.

Matul is-sena ukoll il-kumitat tas-Soċjeta', flimkien ma dak tan-Nar u tan-Nisa komplew bl-attivitajiet tagħhom fil-preparamenti għall-festa ta' Santa Marija. Kulħadd irid jifhem li lkoll flimkien irridu nagħtu s-sehem tagħna sabiex il-festa ta' nofs Awissu tibqa miżmuma bħala l-Festa Ewlenija Maltija.

Fl-aħħar nagħlaq billi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd. Nawgura lil kull min jieħu sehem attiv fl-armar kif ukoll lil dawk li jieħdu ħsieb in-nar ta' l-art u ta' l-ajru u lill-Baned li ser jieħdu sehem fil-Festa. Nappella lil kulħadd sabiex ningħaqdu flimkien, f'entużjażmu ta' mħabba u ta' paċi biex bħal fl'imgħoddi niċċelebraw bil-kbir u kif jixraq il-Festa ad unur Ommna Marija.

Viva Santa Marija.

DRAGON FORGE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 440160

**Manufacturers of:**

- All types of Iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel






Best Craftsmanship – Quick Service





*Carabott Jewellers*

*FOR CRYSTALWARE*
*GOLD AND SILVER ITEMS*

DUN ĠUŻEPP ZAMMIT ST.,
ŻURRIEQ – MALTA
TEL: 680760



Red S

**BUTCHER**

**FRESH & FROZEN MEAT ALWAYS IN STOCK**

9, Cospicua Road, Paola
Telephone 782511






**STYLES SALON**
**UNISEX**

**95, NEW STREET, LUQA.**

**Tel. Res. 829816**

*Specialising . . . on cuts, blow dries, colouring, perming, bleaching, and all the needs for hair and beauty care such as facials, manicure, pedicure, waxing, eye brows and make-up.*



Patri
Joseph M. Ghigo
S.J.

# MESSAĠĠ MID-DIRETTUR SPIRITWALI

Issa li qorbot sewwa il-Festa, imissna naraw bir-reqqa jekk aħniex inħejju ruħna għaliha kif jixraq. L-iskop prinċipali tal-festa tal-Patruna ta' l-Imqabba hu fuq kollox spiritwali, għalkemm dan ma jeskludix aspetti oħra, kulturali u rikreattivi, li jgħinu ferm lill- bniedem fid-dinjita' sħiħa tiegħu. Kif gisem bla ruħ hu mejjet, hekk ukoll jista' jiġri lill-festa tagħna: l-aspett spiritwali hu r-ruħ li jagħti l-ħajja lill-Festa ta' Sidtna Marija Mtellgħa fis-sema. Dan xi jfisser fil-prattika għal kull wieħed u waħda minna?

Il-granet tat-tħejjija għall-Festa jmisshom ikunu żmien biex inġeddu r-ruħ u l-qalb tal-familji u tal-gruppi kollha fi ħdan il-komunita' parrokjali tagħna. Ir-recita fil-familja tar-Rużarju u t-tisħib tagħna fil-liturġija għandhom igħinuna ferm biex nifirħu kif jixraq bl-Omm Qaddisa tagħna ... Għalhekk irridu nfittxu li ninħabbu bejnietna u mal-Mulej billi nersqu għas-sagrament tal-maħfra u nieħdu sehem fil-Quddies u fit-Tqarbin.

Il-purċissjoni bl-istatwa artistika ta' Santa Marija li ddur mat- toroq tar-raħal tagħna hi l-manifestazzjoni esterna l-aktar importanti li turi lil kulħadd ir-reliġjożita' tal-poplu tagħna. Biss aħna fid-dmir li nħarsu u ngħożżu l-karattru reliġjuż tagħha: ma għandna nippermettu qatt li l-purċissjoni u aspetti ohra tal-Festa jsiru ċelebrazzjoni folkloristika biss, inkella - u dan hu wisq agħar - jitbaxxew għall-wirja ta' piki żejda li jġibu u jkabbru l-firda li la tixraq lill-bnedmin u wisq iżjed lill-Insara devoti ta' Omm Alla!

Dan kollu juri ċar kif u kemm il-Festa tal-Patruna ta' l-Imqabba jmissha tkun espressjon tal-għaqda tal-poplu t'Alla fil-parroċċa. Min iħobb bil-fatti l-għaqda sinċiera bejn in-nies tar-raħal għandu joqgħod ferm attent li ma jidħlux affarijiet ġodda li jġibu piki bla sens li xejn ma jaqblu mal-qima vera li trid Ommna Marija. Waqt li l-ferħ tagħna fil-Festa jintwera wkoll b'infiq ta' flus ghal diversi aspetti tagħha, imissna nuru wkoll li tassew ma nsejniex il-bżonnijiet ta' min hu anqas ixxurtjat minna, żgħar u kbar, anke barra mill-parroċċa tagħna. Il-festa ta' Santa Marija hi tal-parroċċa kollha; għalhekk tiswa ħafna dik il-funzjoni speċjali b'risq il-morda tagħna, ħutna mbegħdin mir-raħal kif ukoll emigranti barra minn gżiritna.

Niċċelebraw il-Festa ta' Santa Marija kif għedna biex żgur tieħu gost bina Hi, u bina jifraħ ukoll Binha Ġesù, dak li qabel il-mewt u l-qawmien tiegħu għalina, għal kelma ta' Ommu l-għażiża wettaq l-ewwel "sinjal": l-ilma biddlu f'inbid biex ma jonqosx il-ferħ tal-festa tat-tieġ!.

Book early for

WEDDINGS, BAPTISIMS, PARTIES etc...

**BARON CONFECTIONERY**

at

**Żurrieq Branch**
**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq**
**Tel: 826819**

When your World is upside down...

**ELMO INSURANCE**

gets you back on your feet

Salesman:
Joe Belizzi
"El Paradiso" Triq Matteolo Saliba, Żurrieq
Tel: 824519

# LINDA STORES

Mons. P.P. Saydon Str., Żurrieq

Tel: 827215
*Prop. P. Cardona*

Għal dak li tiġi bżonn biex tarma darek,
l-ewwel asal wasla sa LINDA STORES - Żurrieq

hemm issibu:

Varjeta' ta' Linef tal-Kristall u tal-Bronze
Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines
Mixers - Videos & Colour Televisons.
Minbarra ħafna rigali sbieħ u oġġetti oħra.
Kollox bi prezzijiet imraħħsa
Ħlas bin-nifs aċċettat.

# XI PUNTI MILL-ĦAJJA TAL-BANDA



Twanny Camilleri
B. Mech. Eng. (Hons.)

Il-każin huwa tal-banda u għalhekk, il-banda hija l-ħajja tal-każin. B' dan il-ħsieb ġo moħħna, minn sena għall-sena, dejjem fassalna programm ta' ħidma sabiex fil-waqt li nikkonsolidaw il-wirt mużikali li għandna, nkomplu nsaħħuh b' kull mezz possibli.

Hekk kif għaddiet il-festa kbira li organizzajna s-sena l-oħra, komplejna x-xogħol fuq is-sala tal-kunċerti l-ġdida. Għalkemm għad jonqosha dawk il-"Finishing Touches", xorta waħda l-kunċerti bħal issa qed isiru fiha u, jekk Alla jrid, sal- festa nisperaw li tkun lesta għall-finijiet li ġiet maħsuba għalihom. Ta dan, f'isem is-surmast u sħabi l-bandisti, nixtieq nirringrazzja lill-kumitat u lil kull min għen b'xi mod jew ieħor, sabiex din il-ħidma ssir realta'.

Pass ieħor il-quddiem sar bl-akkwist ta' aktar mużika sew klassika, kif ukoll kontemporanja. Fuq inizjativa tal- kumitat, ġie avviċinat is-Sur Joseph Farrugia, emigrant l-Amerika, iżda benefattur kbir, li kważi tul dawn l-aħħar snin dejjem kien magħna għall-festa, sabiex jibagħtilna xi arranġamenti bandistiċi Amerikani. Fi Frar li għadda, din il-mużika waslet u tant ingħoġbot illi għall-ġejjieni hemm il-ħsieb illi tinġieb aktar u aktar.

Il-Malti jgħid 'ħaġa taqla' l-oħra' u biż-żjieda tal-mużika fl-arkivju limitat li għandna, qed jinħass il-bżonn illi jsir wieħed akbar, u isbaħ biex naqdu l-bżonnijiet futuri. Id-disinn diġa qiegħed għandna: jonqos biss l-għajnuna tagħkom.Għaldaqstant, minn din il- paġna, nixtieq nagħmel appell sabiex dawk li jridu b'xi mod jgħinu f'dan il-proġett ambizzjuż ikellmu lil xi membru tal-kumitat.

Kien ilu jinħass il-bżonn illi ssir katuba ġdida. Għaldaqs tant, il-kumitat, din is–sena, għandu il-pjaċir iħabbar illi ser tiżżanżan katuba ġdida flimkien ma karru pulit sabiex tintuża fis-servizzi tal-banda tagħna. Ta' dan, nerġa' nirringrazzja lill-benefaturi tas-soċjeta'.

Dawn l-affarijiet li semmejt għalkemm huma importanti, biss huma bħal dawk il-ħwawar li jagħtu l-palat l-ikel. L-essenzjal kien, għadu u jibqa' t-tagħlim tal-mużika. Taf kemm taf, qatt ma taf biżżejjed u għalhekk komplejna nagħtu l-lezzjonijiet lil dawk il-bandisti li ħarġu matul l-aħħar snin. Għandna wkoll madwar tmint allievi oħra li, jekk jibqgħu sejrin kif sejrin ma jdumux ma jkollom is-sodisfazzjon li joħorġu jdoqqu mal-banda tagħna. L-appell tiegħi idur lejn il-ġenituri kollha illi għandhom għal qalbhom il-ġid ta' uliedhom u tas-soċjeta' tagħna, sabiex jibgħatu t–tfal tagħhom jitgħallmu l-mużika. Mill-esperjenza personali tiegħi nista' ngħid illi l-mużika qatt ma telfitni mill-konċentrazzjoni matul l-istudji tiegħi, anzi jekk tittieħed bis-serjeta', sservik ta' rikreazjoni u tgħinek tibni karattru sod, il' bogħod minn kull vizzju.

Matul din is-sena s'issa kellna wkoll l-unur illi ndoqqu darbtejn barra mir-raħal , f'okkażjonijiet organizzati għall-barranin, darba f' " Palazzo Parisio" n-Naxxar u darba ohra fil- "Holiday Inn", Tigne. Minn barra illi b'servizzi bħal dawn inkunu qed inżommu l-banda ħajja u niġbru ftit fondi, fl-istess waqt inkunu qegħdin nagħmlu propoganda għal isem is-soċjeta' tagħna, mal-barranin, illi tant japprezzaw il-mużika. Hawhekk ma nistax ma nsemmix l-għajnuna kbira tas-Sur Leonard Farrugia, li dejjem poġġa l-banda tagħna l-ewwel u qabel kollox.

Kif qegħdin taraw, li kieku ma kienx għall-ippjanar u x-xogħol tagħna lkoll, kieku ma kienx ikun possibli nikteb din il-paġna.Għaldaqstant, fil-waqt li nibqgħu mexjin 'l quddiem b'dan ir-ritmu li bdejna għandna nħossuna kuraġġużi naffrontaw il-problemi li qatt ma jonqsu, ħalli dejjem ngħollu isem il-banda tagħna, li kif diġa' semmejt fil-bidu, hija l-ħajja tas-soċjeta' tagħna.




We all have experienced the disappointment of wanting to buy something we like on the spur of the moment only to find we are not carrying enough cash.

By opening a current account with Mid-Med Bank you will be able to pay all expenses by cheque saving time and trouble and also keep records with the periodical statements.

Ask about opening a current account at any of our 44 branches and offices in Malta and Gozo.

Mid-Med Bank
Malta's Largest Bank

# Il-Banda King George V

Il-Ġimgħa 11 ta' Awissu, 1989
fil-pjazza quddiem il-Każin

## PROGRAMM MUŻIKALI

| | | |
|---|---|---|
| * Excerpts | The Nutcraker | P. I. Tchaikovsky *(Arr. J. Swearingen)* |
| * Theme | Dynasty | Bill Conti *(Arr. J. Edmondson)* |
| Tone Poem | Finlandia | Jean Sibelius *(Arr. F. Winterbottom)* |
| Coronation March | Le Prophete | Giacomo Meyerbeer |
| Selection | Cavalleria Rusticana | Pietro Mascagni |
| Innu Marċ | Marija Assunta | Leonard Farrugia |
| Innu Malti | | Robert Samut M.D. |

*Surmast Direttur: Mro. George Martin A. (Mus.) L.C.M., O. S .T. J.*

** Taħt id-Direzzjoni ta' l-Assistent Surmast / Direttur : Twanny Camilleri*

**Marċi Fuq Cable Radio**

**Sett ta' Marċi Brijużi tal-Banda King George V għandhom jinstemgħu fuq RADIO MALTA 1, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Awissu, 1989, l-Ewwel Tridu tal-Festa fin-12.30 p.m. Idoqq il-Banda King George V taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Kav. George Martin A. (Mus.) L. C. M., O. S. T. J.**

**Xi tagħrif ġenerali dwar is-siltiet mużikali li ser jiġu esegwiti mill-Banda Re Ġorġ V, waqt il-programm mużikali, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Awissu 1989.**

# Nutcracker Suite

EXCERPTS- *PETER ILICH TCHAIKOVSKVY:*



Fil-bidu ta' l-1891, Tchaikovsky, kien ikkommisjonat sabiex jikkomponi "ballet" sħiħ għall-Opera "Saint Petersburg", li kienet fantasija għat-tfal ibbażata fuq il-ħrafa "The Nutcracker and the Mouse King" ta' E.T.A. Hoffmann (tal-famużi "Tales of...."). Għall-bidu, Tchaikovsky ma tantx deher entużjasmat iżda, wara ftit illi beda x-xogħol, insibuħ jikteb lil ħuh hekk: "Qed naħdem b'ħilti kollha u nħossni illi fhimt sewwa x'jitlob dan is-suġġett".

F'dik ir-rebbiegħa , dan il-ġenju mużikali sab għejjun ieħor għall-immaġinazzjoni tiegħu. Waqt li kien Pariġi, fi trieqtu lejn l-Amerika (fejn kellu jieħu sehem fiċ-ċeremonja ta' l-inawgurazzjoni tal-"Carnegie Hall") inċidentalment sema' l-ħoss "sabih u divin " tas-"celesta", li kien għadu kif ġie vvintat minn Victor Mustel. Tchaikovsky mill-ewwel għamel arranġament sabiex, bil-moħbi, jintbagħtlu wieħed ir-Russja. Din is-segretezza ħass li hemm bżonnha minħabba, kif jistqarr hu Stess "Rimsky-Korsakov jew Glazunov jiġi f'idejhom u jagħmlu użu mill-effetti speċjali tiegħu qabli". Hekk kif wasal lura f'art twelidu, kiteb parti "solo" għas-"ċelesta" biex tirrappreżenta d-"dance of the Sugar Plum Fairy", waħda mill-kompożizzjonijiet illi kellhom jiffurmaw parti minn"Nutcracker Suite".Billi kien għadu nkwetat illi Rimsky-Korsakov jew Glazunov jużawħ qablu, f'Marzu ta' 1892, ezattament disa' xhur qabel ma suppost kellu jiġi esegwit, għall-ewwel darba, in-"Nutcracker Ballet", Tchaikovsky ipprepara in-"Nutcracker Suite". Kienet suċċess kbir mhux biss il-parti fejn uża is-"celesta", iżda s-Suite kollha, tant illi ħames movimenti minnha kellhom jerġgħu jiġu esegwiti fl-ewwel serata. U, sal-lum il-ġurnata , in-"Nutcracker Suite" għada waħda mill-iktar xogħlijiet apprezzati u mfittxija mir-repertorju orkestrali kollu.

Minn dan ix-xogħol, ser nisimgħu tlett siltiet, forma ta' "Medley", b'arranġament bandistiku ta' James Swearingen.

# Finlandja - Tone Poem - *Jean Sibelius*

Oriġinarjament, din ġiet ikkomponuta fl-1899, bħala xogħol orkestrali, liema xogħol reġa' ġie reveuut is-sena ta' wara. Kienet intenzjonata sabiex takkumpanja l-aħħar xena ta' "peagant" nazzjonali organiżżat sabiex jinġabru fondi f'Helsinki. Iżda, minħabba l-kontenut mużikali patrijotiku li fiha (għalkemm ma fiha l-ebda materjal folklorikstiku) spiċċat bħal simbolu mużikali ta' l-aspirazzjonijiet tal-Finlandiżi għall-indipendenża sħiħa: fi kliem ieħor, daqs li kieku kienet l-innu nazzjonali.

Rigward dan il-kompożitur ċelebri, nistgħu ngħidu illi kien l-akbar kompożitur li qatt kellha mhux biss il-Finlandja, iżda l-Iskandinavja kollha. Twieled f'Hameenlinna fit-8 ta' Diċembru 1865. Għall-ewwel, huwa beda jistudja għall-avukat, iżda, wara ftit qabad jistudja l-mużika taħt Martin Wagelius (1846-1906). Wara li kompla l-istudji tiegħu f'Berlin u Vienna (1889-1891), irritorna bil-kbir f'pajjiżu bil-famuża"Kullervo Symphony" (1892), ispirata, bħal ħafna mix-xogħlijiet tiegħu, mill-"Kalevala" il- mitoloġija Finlandiża. Qabel kiteb l-ewwel sinfonija tiegħi, ikkompona xogħlijiet oħra bħal "En Saga" , "Karelia" u " The Four Legends", li kienet tinkludi "The Swan of Tuonela", din ta' l-aħħar kienet intenzjonata bħala Preludju għall-Opera "The Building of the Boat". Matul l-ewwel snin tas-seklu għoxrin, kien meqjus bħala minn ta' quddiem nett fil-ġlieda għall-indipendenza ta' pajjiżu speċjalment wara x-xogħol tiegħu "Finlandia". B'dan ix-xogħol, flimkien mal- "Valse Triste", ismu xtered ma' l-erbat irjieħ tad-dinja.

Kif semmejt aktar qabel, il-mitoloġija Finlandiża flimkien max-xenarju nordiku ħallew effett qawwi fuq

il-kompożizzjonijiet tiegħu speċjalment fit-"Tone Poems" bħal "Pohjola's Daughter", "Lounnotar" u "Tapiola". Ħafna kritiċi jsostnu illi huma ftit dawk il-kompożituri illi kienu kapaċi "jiżżewġu" n-natura bħal Sibelius.

B'kollox Sibelius kiteb seba' sinfoniji illi bihom laħaq il-quċċata tal-karriera tiegħu. Barra dawn ix-xogħlijiet li semmejt, hu kiteb ukoll il-fuq minn mitt 'song' mużikali għal xogħlijiet teatrali bħal "Pelleas et Melisande", "Belshazzar's Feast" u "The Tempest" il-fuq minn mitt silta għall-pjanu,u l-"String Quartet in D Minor", fl-1909.

Huwa miet fl-20 ta' Settembru ta' l-1957 f'Järvenpää, iżda x-xogħlijiet li ħallielna ma jmutu qatt.

L-arranġament bandistiku ta' dan ix-xogħol huwa ta' Frank Winterbottom.

## CAVALERIA RUSTICANA - Selection - *Pietro Mascagni:*

Din hija opra b' att wieħed fuq test ta' G.Menasci u G. Targioni - Tozzetti, ispirata mix-xogħol drammatiku ta' Verga (1884). Instemgħet għall-ewwel darba fit-Teatro Costanzi, Ruma, fis-17 ta'Mejju 1890. L-istorja, fil-qosor teħodna f'raħal żgħir ġewwa Sqallija, fl-Għid fil-għodu. Santuzza (soprano), li tkun ħarġet tqila minn Turiddu ( tenore) tkun irrabjata ħafna minħabba li dan ta' l-aħħar ikun qed jibdilha ma Lola ( mezzo soprano), illi tkun mara ħelwa miżżewġa lil Alfio (baritono). Wara illi Santuzza titlob lil Turiddu bil-ħniena sabiex dan jerġa' jdur lejha, tgħid b'kollox lil Alfio,minħabba li kien kollu ta' xejn. Għaldaqstant, Alfio jaħlef vendetta,jistieden lil Turiddu għal dwell fejn matulu, Turiddu jispiċċa maqtul.

Mill-ħajja tal-kompożitur insibu illi dan twieled f'Livorno, fis-7 ta' Diċembru 1863. Għalkemm iben furnar, huwa xtaq isir avukat iżda zijuh daħlu fil-Konservatorju ta' Milan fl-1882. Hawnhekk studja ma Ponchielli u wara sentejn qabad jidderieġi ma kumpanija ta' l-operetti, li kienet iddur minn post għall-ieħor, sakemm iżżewweġ u mar joqgħod f'Cerignola fil-Puglia. Matul iż-żmien li għamel idur minn post għall-ieħor, huwa rnexxielu jikteb il-"Gugliemo Ratcliff". Fl-1888, fuq insistenza tal-mara tiegħu, ikkompona l-"Cavalleria Rusticana" għall-kompetizzjoni, imnedija minn Senzogno,li kien imexxi dar tal-pubblikazzjoni. Kienet suċċess kbir għal Mascagni għaliex wara li rebħet dan il- konkors u ġiet imtella' f'Ruma, il-partitura tagħha daret id-dinja fi ftit żmien.

Bl-"Amico Fritz", fl-1891, Mascagni iddiżappunta mhux ftit lis-segwaċi tiegħu minħabba illi ma kompliex fuq l-istil preċedenti tal-"Cavalleria Rusticana". Wara perjodu li matulu kellu xogħlijiet li ħallewh kemmxejn diżappuntat, fl-1899 reġa' kiseb suċċess, din id-darba bl-"Iris", ispirata fuq storja Ġappuniża. Fil-ħajja mużikali tiegħu, Mascagni iddistingwa bħala direttur ta' l-orkestra u ta' l-opra. Bħala protesta kontra l-faxxiżmu, 1929, Toscanini irreżenja minn direttur ta' "La Scala" ta' Milan, u postu ħadu Mascagni. Għaldaqstant, ittimbrawh bħala segwaċi ta' Mussolini, liema laqam baqa' bih sakemm miet f'hotel fqira f'Ruma, fit-2 ta' Awissu 1945, fl-istess sena illi Mussolini tneħħa mill-poter.

Flimkien ma dawn it-tlett siltiet, ser jiġu esegwiti wkoll "Theme from Dynasty" ta' Bill Conti, fuq arranġament bandistiku ta' John Edmondson, (illi żgur m'għandha bżonn l-ebda introduzzjoni minħabba l-popolarita rta' din is-"Soap Opera") u l-famuż "Coronation March" tar-raba' att ta' l-opra "Le Prophete", ta' Giacomo Meyerbeer.

Kif qegħdin taraw għandna programm li jolqot il-gosti ta' kulħadd u għaldaqstant nistednukom tattendu bi ħġarkom sabiex tisimgħuh u tapprezzaw sena xogħol u preparamenti mis-surmast flimkien mal-bandisti.

IL-KUMMISSJONI BANDA.

**IL-BANDA SSEBBAĦ IL-FESTA**

*Il-Ġenituri huma mħeġġa jibagħtu lil uliedhom*
*il-Każin tal-Banda biex jitgħallmu l-mużika.*

# INTERVISTA MAS-SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA TAGĦNA

# CHEV. GEORGE MARTIN A. MUS., L.C.M. , O.S.T.J.



Naħseb illi matul dawn l-aħħar tlieta u tletin sena illi ilu magħna s-Surmast Martin, żgur illi s-soċji u l-partitarji kollha kellhom, xi darba jew oħra, l-opportunita` illi jiltaqgħu miegħu u jkellmuh. Kemm il-darba smajtu jtenni l-espressjoni "jien sirt wieħed minnkhom,sirt Imqabbi bħalkhom", u dan huwa rifless fil-fatt illi mill-baned kollha illi matul ħajtu kien imexxi dan is-Surmast, żamm biss il-banda tagħna. F`din il-paġna, ħsibt sabiex insiru nafuħ aktar mill-qrib, u fl-istess waqt nuru l-apprezzament sinċier tagħna lill-bniedem li ta' ħafna mill-ħin tiegħu bħala servizż lill-banda tagħna.

**M.** Surmast, l-ewwel nett grazzi ħafna talli lqajt din l-istedina. Nibda biex nistaqsik x`kien li ħajrek u kif bdejt il-karriera mużikali tiegħek?

**T.** Mela nibda biex jien ukoll nirringrazzjak talli għoġbok tagħmilli din l-istedina. Għal din il-mistoqsija, nista` ngħidlek illi jien, sa minn ċkuniti, kont inħoss il-gibda pjuttost kbira lejn il-Mużika, tant li ta` eta` żgħira ħafna, bdejt nieħu l-ewwel lezzjonijiet, biex imbagħad , xi sentejn wara, kont "ħriġt indoqq" mall-Banda ta` belt twelidi il-"Queen`s Own " tal-Isla. Issa tajjeb li ngħidlek illi dak iż-żmien, il-baned kienu tassew baned,b`xi tmenin bandist kollha tal-post, waqt li ħafna minn dawn il-baned kien ikollhom Surmast mhux Malti, imma aktarx Taljan jew Ġermaniż. Aħna, l-Isla, kellna lil Mro. Gaffarelli. Naturalment kien ikun hemm Assistent Surmast Malti, ġeneralment sabiex jaghti il-lezzjonijiet, imma lili, avolja kont żgħir ħafna,kien ħadni taħt idejħ Mro. Gaffarelli.

**M.** Meta kont iddoqq , komplejt b`xi studju ieħor?

**T.** Iva, jien speċi bil-fors kelli nibqa` nistudja, u dan għaliex, billi jien kont qiegħed nispeċjalizza fid-daqq tal-"French Horn", li allura ikun jew "in Mi bemol", jew "in Fa", dak iż-żmien, speċjalment fil-Mużika Sagra, kont tiltaqa` ma diversi tonalitajiet, u minħabba f`hekk, kien jeħtieġli nittrasporta kontinwament; ngħidu aħna, filli tkun qiegħed "in Fa" u filli ssib li qiegħed "in Do", jew "Si bemol", etc. Issa billi dan it-transport kont trid tagħmlu "a prima vista", għaldaqstant kien jeħtieġlek tibqa` tistudja. Wara, maż-żmien, għal dak li huwa studju għoli, iġifieri "Armonija, Kuntrapunt, Fuga, Strumentazzjoni u Kompożizzjoni", jiena nafu kollha lil bravu Surmast tiegħi, Carmelo Paċe F.L.C.M., L.R.S.M. Nista` nassigurak li Carmelo Paċe huwa għalija il-"Maestro per Eċċellenza".

**M.** Surmast, x`konnessjonijiet kellek mal-baned "in ġenerali", u kif ingħaqqadt mal-banda tagħna?

**T.** Għalkemm, bħal ma diga għidtlek, il-baned f`żogħżiti kienu kollha magħmula minn nies tal-post, ma dana kollu, min idoqq il-"Corno" (m`għandux x`jaqsam mas-"Sax Horn") ftit li xejn kont issib, u għalhekk jiena kont indoqq ma diversi baned, bħala barrani, u naħseb illi din il-kelma "barrani" minn hekk ġejja, minħabba l-fatt illi ma tantx kont issib nies idoqqu ma banda li ma kienux mill-istess post. Rigward kif ingħaqqadt mal-banda "King George V", ma tantx hemm wisq xi tgħid. Niftakar illi l-ewwel kont ġejt avviċinat minn persuna prominenti mill-Imqabba u wara ftit,kont irċevejt ittra mill-kumitat, u nsomma , biex ma noqgħodx nidħol fid-dettal,hekk ħadt il-banda taħt idejja, madwar tlieta u tletin sena ilu.

**M.** Bejn wieħed u ieħor, tista tgħidilna x`kompożizzjonijiet għandek u xi kemm, bejn wieħed u ieħor, ikkomponejt marċi għall-baned Maltin u għawdxin? Liema kien l-ewwel marċ li kkomponejt u l-aktar wieħed li taħseb li huwa għal qalbek?

**T** Għal kemm ma kienux l-ewwel kompożizzjonijiet tiegħi, nħoss li l-ewwel ma għandi nsemmi huwa "Innu lil Santa Marija Mtella' s-Sema" u l-ieħor "lil San Leonardo " Ktibt ukoll il-Fantasia "Moments Romantique" u numru sabiħ ta` Sinfoniji, jew aħjar "Concert Overtures" Int forsi tiftakar illi xi żmien ilu, jiena kont l-isptar San Luqa għall-operazzjoni serjissima, u kien waqt li kont hemm illi jien ktibt żewġ biċċiet ta` xi

għaxar minuti l-waħda bl-isem "Dawn" u "Dusk". Dawn iż-żewġ xogħlijiet li huma pjuttost "Descriptive Music", jiena kont irregalajthom lil persunaġġ kirurgu ċelebri, li lejh kelli, bir-raġun, ammirazzjoni tassew kbira. Staqsejtni wkoll fuq il-marċi: jiena ikkomponejt madwar75 marċ, u ftit huma dawk il-baned Maltin u Għawdxin li xi darba jew oħra ma kellhomx xi marċ minn tiegħi. L-ewwel wieħed kien jismu "Vive le Sengle", imma dan kien xi 60 sena ilu. Għal dak li huwa l-aktar wieħed għal qalbi, ma tantx nista' nikkumenta: forsi "Ħbiberija", "Ommna Marija", "Jum ta' ferħ", "Romeros"? Ma nafx, il-Marċi li ktibt kollha nistħajjilhom bħala "ulied", u bħal kull "missier", inħobbhom kollha indaqs. Ma dawn, ktibt ukoll numru sabiħ ta' Marċi Funebri.

**M.** Surmast, liema kien l-isbaħ mument fil-karriera mużikali tiegħek kollha, u dak ta' matul iż-żmien twil li ilek mal-Banda tagħna?

**T.** Naħseb illi wieħed mill-isbaħ Memorji tul il-karriera mużikali tiegħi kien meta kelli x-xorti nkun l-ewwel Surmast Direttur li dderieġa banda ġewwa Knisja. Dan kien fil-21 ta' April, 1974, fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana, u għal dan il-Kunċert, kienu attendew l-aktar nies prominenti ta' Malta u Għawdex. Memorja sabiħa wkoll hija f'dik ta' meta għalaqt 25 sena Direttur tal-Banda, meta rajt il-75 Anniversarju mit-twaqqif tal-Banda ":King George V" u meta fl-aħħar, imma mhux l-inqas rajt l-Istatwa artistika u sabieħa ta' Santa Marija tirritorna ġewwa l-Imqabba, wara li kienet ġiet irrestawrata. Ta' pjaċir kien ukoll għalija meta, għal tlett darbiet, idderiġejt il-Kunċert Annwali tal-Banda Nazzjonali, tal-"Malta Band Clubs Association". Sodisfazzjon ieħor kien meta sirt wieħed mill-ewlenin membri tal-P. R. S., u meta ġejt maħtur "Knight of Grace" ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

**M.** Wara li għidt kemm ilek midħla sew tas-Soċjeta tagħna, x'inhi l-impressjoni tiegħek dwar il-Banda "King George V'? X'inhuma x-xewqat tiegħek għall-futur?

**T.** Bħalma diġa għidtlek, wara li ili midħla tagħkom għal dawn l-aħħar 33 sena, l-opinjoni tiegħi tal-Banda "King George V" zġur li hija waħda tajba u ninsab ċert li jekk iż-żerriegħa li żrajt jien żmien twil ilu tibqa' tissaqqa sewwa u tajjeb, jiena ninsab zġur li għandha tibqa' tagħti l-frott. Ix-xewqa tiegħi għall-futur hija din: Ħudu ħsieb sewwa ta' din is-Soċjeta', sabiex il-Festa Kbira ta' Santa Marija tal-Imqabba tkompli dejjem aktar tikber, għaliex hekk biss jixirqilha Ommna Marija Santissima.

U Jiena, f'isem sħabi tal-Kumitat u bandisti, nixtieqlek għomor twil mimli saħħa lilek u lill-familjari kollha tiegħek, flimkien ma aktar ħidma flimkien, għas-snin li gejjin, għall-ġid tas-Soċjeta' Mużikali tagħna, li għalkemm żgħira fil-għadd, iżda kbira fil-qalb.

Mill-ġdid grazzi ħafna.

**Twanny Camilleri**
***Assistent Surmast / Direttur***

# *IL-KUMITAT*

**jixtieq jirringrazzja lil kull min b'xi mod jgħin sabiex dan il-programm jiġi stampat speċjalment lil dawk li jogħġobhom jirriklamaw u lill-qarrejja inħeġġuhom jixtru l-prodotti irreklamati fil-programm.**

# E. CATANIA WOOD CARVING

Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura

*MORRU GĦAND MANWEL CATANIA*

SHOWROOM
"Odyssey"
Bronja Street
Żurrieq

WORKSHOP
Odssey Garage
Alexander Street
Żurrieq



*Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.*
*Tel: 682137*

# Restawr Ta` L-Armar

Kull min ġie għall-Festa ta` Santa Marija gewwa l-Imqabba fl-aħħar snin seta` japprezza x-xogħol ta` restawr li sar kemm fuq il-pedestalli ta` l-Appostli kif ukoll fuq il-Pedestall ta` l-Inkoronazzjoni. Din is-sena komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra u tajna spinta lill-pedestalli ta` l-Anġli li jintramaw fit-Triq Tan-Nofs.

Ix-xogħol ta` tiswija u preparazzjoni tħalla f`idejn il-bravu Joe Sciberras li ħadem kemm felaħ sabiex ix-xogħol jitlesta fil-ħin. Barra li ħa ħsieb it-tiswija fejn kien hemm bżonn u ipprepara l-pedestalli bl-under coat, huwa ħadem u żidilhom l-iskultura li kellhom nieqsa.

Ix-xogħol ta` restawr u żebgħa sar minn Paul Gauċi wieħed mill- aktar membri ħabrieki fis-Soċjeta`.

Huwa flimkien ma żgħażagħ oħra imexxielu jagħti dehra ġdida lil dawn il-pedestalli. Ta' dan ix-xoghol veru ħaqqu prosit. Tifħir ħaqqu wkoll Rosario Żammit li ta' ħajja ġdida lill-Anġli.

Hawn ta' min isemmi li dawn il-pedestalli kienu inħadmu għall-ħabta ta` l-1920 minn membri tas-Soċjeta` Re Ġorġ V fil-waqt li l-Anġli kienu inħadmu minn Mastru Karm Mallia minn Ħal-Qormi. Dak iż-żmien l-Anġli kienu qamu Lm 12 il-wieħed.



**Paul Gauci waqt fażi mix-xogħol taż-żebgħa**

# REWAEL MARBLES

## Granite & Resin Works
## TEL: 683096

Josmik Garage
Valletta Road - Mqabba




VERTICAL BLINDS:-

- ☐ a better way of living
- ☐ decorates your home, office or establishment with better taste.
- ☐ no restrictions – no limitations.
- ☐ long life endurance
- ☐ washable
- ☐ made to measure
- ☐ short time delivery
- ☐ very reasonable prices.

AVAILABLE IN DIFFERENT COLOUR SHADES.

Express Aluminium Ltd.
Manufacturers of
Architectural Aluminium

**Mdina Road, Żebbuġ**
Tel: Works 641078
**Home 645110**

# FESTA TA' SANTA MARIJA 1988
## Rendikont tal-festa fil-Knisja

### Dħul:

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra (1987) | 41. 20. 0 |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | 807. 00. 0 |
| Ġabra speċjali fil-Knisja | 242. 00. 0 |
| | 1090. 20. 0 |

### Ħruġ:

| | |
|---|---|
| Personell barrani | 85. 00. 0 |
| Orkestra / Organista / Vuċijiet | 580. 00. 0 |
| Daqq ta' qniepen/standarti/Anterni/Salib | 36. 00. 0 |
| Dawl -faċċata tal-Knisja/kampnar/koppla | 288. 00. 0 |
| Fjuri | 30. 90. 0 |
| | 1019. 90.0 |

| | |
|---|---|
| **Dħul** | **1090. 20. 0** |
| **Ħruġ** | **1019. 90. 0** |
| **Bilanċ** | **70. 30. 0** |


PARKWOOD CENTRE



MQABBA ROAD
ŻURRIEQ
Tel: 680147

parkwood



COMPUTERS
PC / XT / AT / BABY AT

XT, AT ARE REGISTERED TRADE MARKS OF INTERNATIONAL BUSINESS MACHINES CORP

# FESTI TA' ĠEWWA

*Il-Ħadd 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina*

**6.30 p.m.** Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*L-Erbgħa, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa*

**7.30 p.m.** Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Kant ta' l-Innu AVE MARIS STELLA u Antifona.

*Il-Ġimgha, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**6.30 p.m.** Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Salvino Fenech bl-Omelija "Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem".

**7.15 p.m.** Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*Is-Sibt, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu*

**7.00 a.m.** Quddiesa Kantata Solenni.

**6.30 p.m.** Quddiesa Kantata mill-W.R. Arċp. Michael Agius bl-Omelija "Marija, Sultana tas-Sema u l-Art."

**7.15 p.m.** Bħal jum ta' qabel.

*Il-Ħadd 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.15 a.m.** Quddiesa Kantata Solenni.

**6.30 p.m.** Quddiesa Kantata Speċjali għall-Morda u l-Anzjani mill-W.R. Mons Stephen Borg bl-Omelija "Marija Saħħa tal-Morda". Fl-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.

**7.45 p.m.** Bħal Jum ta' qabel.

*It-Tnejn, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa*

**8.15 a.m.** Quddiesa Kanatata Solenni mill-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-Parroċċa. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

**6.30 p.m.** Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija mmexxija mill-W.R. Mons. Carmel Bianco. Quddiesa Solenni minn P. Joesph Ghigo, Salve, Litanija u Celebrazzjoni Ewkaristika.

*It-Tieta, 15 ta' Awissu - Jum il-Festa*

**5.30 u 7.00 a.m. Quddies**

8.00 a.m. Kant Solenni tal-Lawdi

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R.Mons. Carmel Bianco li jinseġ ukoll il-Paneġirku.

**10.30, 11.30 u 12.30 a.m. Quddies.**

6.00 p.m. Sekondi Vespri solenni mill-W.R. Mons. Carmel Bianco, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. (1) **It-Tnejn Lejliet il-Festa, filgħodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-qrar.**

(2) **Il-Mużika tat-Tridu, lejliet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast, il-W.R. Patri Salv Galea O.P.**

*It-Tlieta, 22 ta' Awissu - l-Ottava tal-Festa.*

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## FESTI TA' BARRA

*Il-Ħadd, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina*

7.30 p.m. Mixgħela tal-Faċċata tal-Knisja u tal-Każin King George V. Il-Banda King George V taħt id-Direzzjoni tas-Surmast George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J. tesegwixxi Programm Mużikali fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

*Fil-Ġranet tal-Kwindiċina*

8.00 p.m. Mixgħela tal-Każin King George V.

*L-Erbgħa, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa*

7.30 p.m. Toħroġ l-Istatwa Artistika ta' Santa Marija fuq iż-żuntier. Wara li l-Banda King George V tilqa' l-Istatwa bl-Ave Maria u Marċi Brijużi, tkompli tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal bil-marċi.

*Il-Ħamis, 10 ta' Awissu*

8.00 p.m. Ftuħ uffiċjali tas-Sala l-ġdida. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin. Mistednin il-membri u l-partitarji kollha.

*Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum Tridu*

8.15 p.m. Il-Banda tas-Soċjeta' King George V tagħmel marċ u wara tesegwixxi Programm Mużikali fil-pjazza ta' quddiem il-Każin.

*Is-Sibt, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu*

8.15 p.m. Il-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar tferrah it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jibda minn Triq il-Mitħna.

*Il-Ħadd 13, ta' Awissu - L-Aħħar Jum tat-Tridu*

8.15 p.m. Il-Banda King George V tagħmel il-marċ tradizzjonali fost briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda minn Triq il-Parroċċa.

*It-Tnejn, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa*

7.30 p.m. Marċi mar-raħal mill-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa.

9.00 p.m. Marċ u programm mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq.

*It-Tlieta, 15 ta' Awissu - Il-Għid ta' l-Assunta*

10.30 a.m. Wara d-daqq tal-Gloria, il-Banda King George V tas-Soċjeta' tagħmel marċ biex tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal b'sett ta' marċi brijużi.

6.00 p.m. Il-Baned Queen Victoria u Unjoni jagħmlu marċi mar-raħal.

7.30 p.m. Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija. Il-Banda Unjoni takkumpanja l-Istatwa mad-dawra tal-purċissjoni. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda Queen Victoria ddoqq INNU LIL MARIJA ASSUNTA, kitba ta' Patri J.M. Ghigo S. J. u mużika tas-Surmast Kav. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J. Ikantaw it-Tenur Joe Huber L.R.S.M. u l-Bartitonu Joe Fenech mal-Kor tax-Xebbiet ta' l-istess Soċjeta'.

# Roc~A~Go Crane Services

**CRANE & LIFTING SPECIALISTS**
**24 HOUR TOWING & LIFTING SERVICE**
**USED COMMERCIAL VEHICLES & SPARES**
**CAR BREAKERS**

(Prop. V. MICALLEF)

Tel: 801362

*TAL-BARRANI*
*ROAD, ZEJTUN.*

816172

# JAMES GREEN

## Funeral Service

IRRIKORRU:

'GREEN HOUSE'

ST. CATHERINE STR., QRENDI

Tel: 827791

# ATC PLASTICS LTD

**Manufacturer of Jablo,
Expanded Polystyrene,
Soffit Ceilings,
Coldstore Insulation,
Pipelagging,
Packaging Moulding.**

**APPLY
30 LUQA INDUSTRIAL ESTATE
LUQA.
TEL: 284243
(In front of Country Hotel)**

# FENECH PLANT HIRE LTD.



**Supplier of:**

Ready Mixed Concrete
and Franka Spalls
Crane Hire

**Contractor for:**

Excavation work
General Plant Contractor

GUDJA ROAD, GUDJA
TEL. 821931

# NIĊEĊ FL-IMQABBA

Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra dorna dawra flimkien l-Imqabba u rajna u tkellimna dwar is-seba' niċeċ li nsibu fit-toroq ta' dan ir-raħal imwaqqfa f'ġieh l-Assunta.

Iżda barra dawn is-seba' niċeċ, fl-Imqabba niltaqgħu ma' 21 niċċa oħra imwaqqfa f'ġieh il-Madonna taħt titli oħra u lill-qaddisin. Dawn in-niċeċ huma wirt missirijietna u qegħdin jiffurmaw parti mill-ambjent tal-ibliet u rħula tagħna. Hu xieraq għalhekk li nieħdu aktar ħsiebhom u napprezawhom iżjed.

Iż-żjara tagħna nibdewha minn Triq Valletta u fuq dar nru.38 naraw niċċa mwaqqfa f'ġieh San Ġużepp. Hi niċċa kbira imżejna b'pilastru ta' stil korint fuq kull naħa li jingħaqdu flimkien permezz ta' frontispisju. Fl-1891 l-Arċisqof Pietro Paċe ta indulġenżi għal min jitlob quddiemu. Billi qegħda f'livell baxx wieħed jista japprezza aħjar kemm din in-niċċa fiha xogħol irfinut fil-ġebla Maltija. B'xorti tajba wkoll din in-niċċa għadha qatt ma ġiet mimsusa biż-żebgħa.

Ftit il-bogħod fl-istess triq, fuq dar nru.59 naraw in-niċċa tal-Qalb ta' Ġesu. Ma' l-ewwel ħarsa wieħed malajr jinduna li ma fiha ebda valur artistiku.

F'kantuniera bejn Triq il-Karmnu u Triq Valletta naraw niċċa oħra tal-Madonna tal-Karmnu. Hi niċċa arzellatta b'mod tassew eleganti u għandha pilastru ta' stil Joniku fuq kull naħa li fuqhom jitla frontispisju, li skond il- pilastri, hu daqxejn għoli. Hi niċċa magħrufa sew billi tinsab f'post prominenti ħafna.

Waħda mill-isbaħ niċeċ fl-Imqabba kienet bla dubju ta' xejn dik li kienet tinsab f'kantuniera fi Triq Valletta u kienet imwaqqfa f'ġieħ Kristu Sultan. Mhix niċċa qadima wisq u ħamsin sena ilu, jiġifieri fl-1939, l-Arċisqof Mauro Caruana kien ta' indulġenżi għal min jitlob quddiemha.

Din in-niċċa kienet milquta b'diversi affarijiet magħmula bis-sengħa. L-ewwelnett id-disinn tagħha kien magħmul b'mod li din iddur nofs tond u kull ħaġa kienet magħmula bil-ħsieb b'mod li meta wieħed iħares lejha għajnejh titpaxxa bil-proporzjon u t-tqassim li fiha. It-tieninett wieħed kien jammira ix-xogħol irfinut u dettaljat tal-iskultura li kien fiha din in-niċċa u t- tieletnett wieħed kien jammira l-istatwa ta' Kristu Sultan li din mhix tal-ġebel iżda tal-irħam, u għalhekk kienet waħda mill-uniċi li nsibu fit-toroq tagħna.

Niċċa oħra ta' Kristu Re insibuha bejn djar 44 u 45 Triq il-Parroċċa. Hi niċċa żgħira arzellata u magħha jdur bħal gwarniċ u fuqha naraw gwarniċ bħala disinn ta' frontispisju. L-istatwa , fiha xogħol tajjeb ta' skultura ġebla. Fl-1913 l-Arċisqof Pietro Paċe kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiem din in-niċċa.

Waħda mill-eqdem niċċeċ fl-Imqabba hija dik tal-Immakulata li nsibu ma' ħajt ta' razzett qadim fi Triq il-Parroċċa. Hi niċċa forma ta' felli, kif kienu jkunu ħafna minn niċċeċ qodma ta' Malta. Quddiemha għad għandha l-fanal tal-ħadid li darba kien jinxtegħel quddiemha fil-festi tal- Madonna. L-istatwa tal-Madonna fiha xogħol sabiħ ta' anatomija. Hu xieraq għalhekk li tkun miżmuma aħjar milli hi.



In-niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Valletta

F'tarf Triq is-Siġġiewi naraw in-niċċa ta' San Mikiel. Bħala niċċa ma fiha ebda disinn speċjali iżda bħala statwa hi sabiħa u movimentata ferm. Dan wieħed jista jarah f'kull moviment tal-qaddis. Fiha wkoll dettalji tajba bħal irkoppa tal-lemin, id-dublett tal-libsa tal-qaddis u kif ukoll ir-ras. Dawn id-dettalji flimkien ma' oħrajn huma xhieda li din l-istatwa ta' San Mikiel fiha xogħol tabilħaqq artistiku.Fl-1888 l-Isqof Buħaġiar kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiem din l-istatwa.

Niċċa oħra ta' San Mikiel insibuha f'kantuniera fi Triq id-Duluri. Hi niċċa oħra qadima f'dan ir-raħal u b'xorti tajba għadha fl-istat oriġinali tagħha billi qatt ma ġiet mimsusa biż-żebgħa. Tidher li ġiet mibnija mal-istess dar fejn qegħda u għalhekk fuq ix-xellug ta' min iħares lejha jara nieżel ħajt li jispiċċa nofs tond. Fl--1839 kienu ġew mogħtija indulġenzi għal min jitlob quddiem din l-istatwa.

Fil-bidu ta' Triq San Bazilju naraw niċċa oħra u din hi ddedikata lil San Ġorġ. Hi niċċa ta' stil kompost u bħala niċċa hija wkoll arzellata b'mod irfinut u dettaljat fil-ġebla Maltija.

L-istatwa tal-qaddis fiha wkoll xogħol tajjeb. Ħarstu hi lejn is-sema' u b'idu x-xellugija fuq sidru u l-oħra mniżżla l-isfel. Ħdejn saqajh naraw ukoll l-elmu ta' rasu. Hi statwa xogħol ta' xi mgħallem tajjeb.



In-niċċa ta' San Mikiel li tinsab ħdejn dar Nru. 7 Triq Pears

Fl-istess triq viċin dar nru.97 naraw niċċa f'għieħ San Ġużepp imqegħda f'niċċa arzellata. Fl-imgħoddi jidher ukoll li kellha xi fanal quddiemha għax għadu jidher il-brazz tiegħu. L-istatwa hi nieqsa minn ċertu element artistiku.

Niċċa oħra ta' San Mikiel fl-Imqabba tinsab ħdejn dar nru. 7 Triq Pears. Hi niċċa li d-disinn tagħha jdur nofs tond u fiha naraw pilastru u kolonna nofs tond fuq kull naħa. Fuq dawn kollha naraw iddur gwarniċa wiesgħa u sabiħa li fiha disinn klassiku. L-istatwa ta' San Mikiel nistgħu ngħidu li hija replika tal-istatwa ta ' l-istess qaddis li rajna diġa fi Triq id-Duluri u jista jkun li hi ta' l-istess id. Fihom ħafna xebħ perfett u dawn wieħed jista' jarahom f'diversi partijiet taż-żewġ statwi, bħal ma huma l-ġwienaħ, ix-xeħta tar-ras, l-elmu, l-pożizzjoni ta' l-idejn u dettalji oħra.

Fuq il-lemin ta' din in-niċċa ta' Triq Pears wieħed għadu jista' jara l-ħolqa tal-brazz tal-fanal li darba kien jinxtegħel quddiem din l-istatwa. L-Isqof Fraġisk Saverio Caruana kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiem din ix-xbieha.

Fil-kantuniera tat-torri tal-Imqabba fi triq it-Torri wieħed jiltaqa' ma' niċċa imwaqqfa f'għieħ l-Appostlu San Pawl. Hi niċċa bi stil dejjaq u tawwali u mżjena b'pilastru fuq kull naħa.

L-istatwa ta' San Pawl, jidher li fiha partijiet minnha li huma tajbin u għalhekk hi ħasra li llum din in-niċċa ma tantx hi miżmuma tajjeb.

Fuq dar nru.29 il-Pjazza tal-Paroċċa niltaqgħu mat-tielet niċċa ta' San Ġużepp f'dan ir-raħal. Tidher li mhix niċċa qadima sew u b'xorti tajba għadha fl-istat oriġinali tagħha u qatt ma mis-sewha biż-żebgħa. Għalhekk wieħed jista japprezza ix-xogħol irfinut li fiha din l-istatwa f'kull parti tagħha.

Fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali naraw erba' statwi ta' San Ġwann il-Battista, Ġesu Redentur, il-Madonna u Santu Rokku.

Billi dawn l-istatwi huma kbar wieħed jista jifli bir-reqqa ix-xogħol li fihom. Billi huma fil-għoli u ma jinsabux f'niċċa wieħed jista jammira il-kapaċita ta' l-iskultura li fihom. L-erbgħa li huma fihom xogħol tajjeb iżda il-Madonna jispikka fiha xogħol tabilħaqq artistiku.

Fi Triq Santa Katerina niltaqgħu ma' niċċa oħra imwaqqfa f'għieħ il-Madonna . Hi n-niċċa imwaqqfa f'għieħ il-Madonna ta-Qalb ta' Ġesu u għalhekk f'din in-niċċa naraw lil Madonna liebsa l-kuruna fuq rasha u tħaddan il-Bambin. Fi tmiem is-seklu l-ieħor din id-devozzjoni Marjana kienet qabdet sew f'dawn il-gżejjer u fl-Imqabba id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù kienet qabdet sew u din in-niċċa għadha tifkira ta' din id-devozzjoni. Fl-1888 l-Isqof Buħaġiar kien ta indulġenzi għal min jitlob quddiemha.

Fit-triq li mill-Imqabba twassal iż-Żurrieq niltaqgħu ma' niċċa qadima sew iżda bla ebda valur artistiku iddedikata lil San Pawl. Jidher li hi xogħol ta' xi dilettant.

F'tarf l-Imqabba, fit-triq li twassal għall-Qrendi, viċin il-mitħna niltaqgħu ma' żewġ statwi kbar mgħollija fuq pedestall għoli. Dawn huma l-istatwi ta' Marija Immakultata u ta' San Franġisk. Huma xogħol ta' l-istess id u t-tnejn fihom xogħol komuni iżda bħala xogħol l-istatwa ta' San Franġisk tisboq lil dik tal-Immakulata.

Meta wieħed jifli bil-paċenzja l-istatwa ta' San Franġisk, wieħed jista jammira l-kapaċita tal-iskultur tagħha u jistagħġeb kif l-iskultur kien kapaċi joħroġ ċerti espressjonijiet u dettalji fil-ġebla.

Hi ħasra li din l-istatwa ta' San Franġisk mhix miżmuma tajjeb iżda fl-istess ħin għalinqas għadu ħadd ma ħassarha b'xi kuluri kif għamlu ma' l-istatwa ta' l-Immakulata.

**23 ta' Ġunju 1989** **Tony Terribile**


Gelandia®
ice cream
The refreshing traditional
Italian Ice Cream with high
nutritional value.
Available in
a variety of
delicious
flavours
Trade Enquiries:
Tel: 605442
Gelandia®
the best for the family

# Il-BANDA MARIA MATER GRATIAE - ZABBAR

**Is-Sibt, 12 ta' Awissu**

## SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| Banda tal-Grazzja | Mro. Ugo Buhagiar |
| Lis-Segretarju Ġdid | Mro. Emanuel Bugeja |
| Whiskey Galore | Mro. Andrew Coleiro |
| Hoy Hoy | Mro. Andrew Coleiro |
| Gemma | Mro. Carmelo Mallia |
| Van-Ren | Mro. Carmelo Monreal |
| Victory | Mro. Vincenzo Ciappara |
| The Wall of China | Mro. Alfred Farrugia |
| Katie | Mro. Andrew Coleiro |
| Come on the Stripes | Major Anthony Aquilina |
| Fiorita | Mro. Joseph Mamo |
| Is-Segretarju | Mro. Ugo Buhagiar |
| Il-Kbira Banda | Mro. Hector Dalli |
| Albeu | Mro. Ugo Buhagiar |
| Innu Popolari tal-Banda Maria Mater Gratiae | Mro. Pacifico Scicluna |

**Ugo Buhagiar Dip. Mus. B. Mus. T. - Direttur**



FARELL
BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396

# FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**

  • Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops

- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

## FGP Limited

49 Valletta Road Luqa Tel 233165/6

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering




# BLOKRETE LTD.

MOSTA ROAD, LIJA, MALTA.

FOR WALLING AND ROOFING

AND PAVING



IN PRECAST AND PRESTRESSED CONCRETE

DIAL: 441850/445461
TELEX: FENEK 978 MW.

## IL-BANDA UNJONI
## LUQA



*It-Tnejn u t-Tlieta, 14 u 15 ta' Awissu*

## SETT TA' MARĊI

| | |
|---|---|
| Festive Memories | Ch. Zammit |
| Teresita | A. Pace |
| Holiday in Spain | J. Theuma |
| Olympia | J. Azzopardi |
| Allegrija | A. Farrugia |
| Il-Famuża Koppla | W. Attard |
| Guinevere | J. Zammit |
| Leisure Hours | J. Abela Scolaro |
| Valley of Roses | Ch. Zammit |
| Organum | J. Zammit |
| Malsilv-Clairita | Emm. Bugeja |
| Ferdinand Hompesh | L. Bongailas |
| Bal Frendozan | A. Aquilina |
| Edchris | M. Role |

**Ch. Zammit M. Phil (U.S.A.)., B. Mus., G.L.S.M., F.L.S.M., F.B.C.M., L.L.C.M. Direttur**

# PANDA
# GIFT-SHOP

## Triq Karmenu Ciantar – Mqabba

Fejn issibu:

**Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijiet utili oħra.
**Issibu wkoll** linef; silver plated jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

## Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-
# PANDA GIFT-SHOP

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom.


mangion brothers żurrieq LTD.
BUILDING CONSTRUCTION,
CONCRETE MIX & CRANE HIRE
Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590


KINGFISHER
Bar &
Restaurant
Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq – Malta
Tel. 827908

# BANDA QUEEN VICTORIA ZURRIEQ

**T-Tnejn u t-Tlieta, 14 u 15 ta' Awissu**

**Sett ta' Marċi**

| | |
|---|---|
| Renata | E. Bugeja |
| Get on Parade | A.Farrugia |
| Rita | C. Camilleri |
| Adriana | E. Bugeja |
| Hutna l-Emigranti | J. Tanti |
| Svetlana | E. Bugeja |
| Allegrija | A. Farrugia |
| Gankela | B. Bugeja |
| Benjamin | E. Bugeja |
| Charmaine | T. Camilleri |
| Gulzu l-Karjoka | A. Farrugia |
| Frances | E. Bugeja |

## PROGRAMM MUŻIKALI

**Nhar it-Tlieta, 15 ta' Awissu, 1989**

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Lil Santa Marija | G. Martin |
| Sinfonia | Italian in Algier | Rossini |
| Ballet Selection | Copelia | Delibes |
| Grand March | Parsifal | Wagner |
| Selection | Desert Song | S. Romberg |
| Innu tal-Banda | Queen Victoria | E. Bugeja |
| Innu | Malti | Samut |

**Mro. E. Bugeja A. Mus., L.C.M.**
**Direttur**

# MILADY CONFECTIONERY

(Prop. R & N Abdilla Ltd.)

**27, Church Square, Mqabba Tel: 683345**




Sweets, Chocolates, Biscuits, Fancy Cakes,
Spirits for all Occassions & also sweets &
cigarettes by wholesale.
*Naċċettaw ordnijiet għal Parties, Tiġijiet.*
*Engagements, Magħmudijiet u kull*
*okkażjoni oħra.*

**Jixtiequ l-FESTA T-TAJBA lil kulħadd.**
**Filwaqt li jieħu din l-opportunita' biex joffri flixkun**
**imbid b'xejn lil min jagħmel xirja ta' l-fuq minn Lm5 u juri dan ir-Reklam**

# JULIO & CHARLIE SACCO

**QRENDI ROAD, MQABBA**

**Tel: 683129**

JAWGURAW
IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD
U JFAKKRU LI HUMA JAGĦMLU

## Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja

**PREZZIJIET MODERATI**

# JOSEPH SCIBERRAS

PLYWOOD & TIMBER IMPORTERS

WILĠA STORERS, WILĠA STREET, LUQA - Tel: 897912

* *Timber*
  White Deal, Mahogany, Parana, Pine, American Oak, Iroko.

* *Wood Based Panels*
  Plain Chipboard, Wood Veneered Chipboard,
  Melamine Faced Chipboard,
  MD Fidreboard, Plywood, Veneered Plywood,
  Hardboard, Blockboard, Veneered Blockboard.

* *Steel Products*
  Mild Steel Hollow Sections, BRC Mesh,
  (Xibka Tas-Saqaf / Art).

* *Building Materials*
  Cement, Wheel Barrows, Tools, Electrical & Plumbing
  Materials, Water Heaters, Bathroom accessories,
  Ceramic Tiles, Water tanks, Wood glues, Thinners,
  Furniture Fiitings, All Types of Paints, Water Pumps,
  Damp Proofing Compound.



HIRE OF GENERATORS, CONCRETE MIXERS & JIGGERS ALSO A LARGE NUMBER OF DEMIJONS AT COMPETITIVE PRICES

# J.B. STORES
# TEXTILES

## CAN OFFER YOU A LARGER SELECTION OF DRAPERY

**A NEW COLLECTION OF SUMMER MATERIAL**

• COTTON JERSEY PLAIN & PRINTED • COTTON PLAIN & PRINTED • CREPE DE SCENE • POLYESTER COTTON • MEN'S FABRIC • CURTAIN MATERIAL • CARPETS AND A LARGE ASSORTMENT OF FABRIC.

**LATEST FASHION AT FANTASTIC PRICES**

FROM J.B. STORES L'IKLIN RD., LIJA
TEL: 446918
FAX: 492924

**JOE'S**

**PROFILE**

**ALUMINIUM**

3, Valletta Road,
Żurrieq.

Tel: 829601

# TOPSALE

27, Misraħ ir-Repubblika, Zurrieq
Issibu Rigali Sbieħ għal kull
membru tal-familja
Ejjew araw b'għajnejkom.

# TOPSALE

Triq Dun Ġużepp Zammit, Zurrieq
L-aqwa ħanut fid-distrett
għal affarijiet tas-Sajf
Maskri – Flippers – Lilo's etc.

Tel: 828745 – 827516

# JOSEPH FERRIGGI

SUPPLIER OF:

- SISAL ROPES (TAL-PONT)
- NYLON ROPES & TWINES
- MARINE TERELYNE ROPES
- HEMP ROPES
- HEMP TWINES (Spag tan-Nar)
- COTTON TWINES (Tan-Niċċa)
- BROWN BRAIDED (Tal-Konzijiet)
- MACRAME TWINES
- CORD BRAIDED (Blinds)
- PACKING TWINES
- JUTE TWINES Etc........

68B ST. CATHERINE STREET,
or 'ST CATHERINE' JOHN BORG
STREET, ŻEJTUN

TEL: 878439

# ABELA BROS. GARAGE

DIESEL AND PETROL
MECHANIC
SPECIALISE ON
**FORD, MAZDA & TRANSIT**
***ABELA BROS GARAGE***
TRIQ IT-TIN
QORMI
TEL: 491579

# PROGRAMM TAL-ĦRUQ TAN-NAR

L-Erbgħa, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa

| | |
|---|---|
| Fis- 7.30 p.m. | Ħruq ta' salut, Musketterija, Kaxxa Infernali u Murtaletti. |
| Fil-11.00 p.m. | Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-Art quddiem il-Każin. |

Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Tridu

| | |
|---|---|
| Fl-10.00 p.m. | Ħruq ta' Musketterija, Murtaletti u Kaxxa Infernali. |

Is-Sibt, 12 ta' Awissu - It-Tieni Tridu

| | |
|---|---|
| Fl-10.00 p.m. | Ħurq ta' Musketterija, Murtaletti u Kaxxa Infernali. |

Il-Ħadd, 13 ta' Awissu - L-Aħħar Tridu

| | |
|---|---|
| Fl-10.00 p.m. | Ħruq ta' Musketterija, Murtaletti, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur u Kaxxa Infernali. |
| Fl-11.00 p.m. | Ħruq ta' Logħob tan-nar ta' l-Art. |

It-Tnejn, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa

| | |
|---|---|
| Fid-9.00 a.m. | Daqq tat-Te Deum. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Infernali u Murtaletti |
| Fis-6.30 p.m. | Translazzjoni. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Infernali. Murtaletti u Murtali bil-logħob. |
| Fl-10.00 p.m. | Spettaklu kbir ta' logħob tan-nar li jinkludi ħruq ta' Salut, Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur u Kaxxa tal-Kulur. |
| Fl-11.00 p.m. | Wirja ta' Logħob tan-Nar ta' l-Art mekkanizzat u Artistiku. |

It-Tlieta, 15 ta' Awissu - Jum il-Festa.

| | |
|---|---|
| Fl-12.00 a.m. | Ħruq ta' Murtali u Murtalletti. |
| Fis-7.30 p.m. | Mal-Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija jiġi sparat Salut, Musketterija u Kaxxa Infernali. Matul il-purċissjoni jkun hemm ħruq ta' Murtalletti, Murtali bil-logħob u murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur. |
| | Mad-dħul ta' l-Istatwa tiġi sparata Kaxxa tal-Kulur. |

*Il-Logħob tan-Nar kollu, kemm ta' l-Art kif ukoll ta' l-Ajru huwa xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjeta' Santa Marija. Il-Kumitat f'isem is-Soċi u l-Partitarji jirringrazzjawhom tas-sagrifiċċju li għamlu matul is-sena sabiex jipprovdu dan l-ispettaklu.*

Enjoy
Coca-Cola
Coke
TRADE MARK REGD.

**NEW T.V. TABLES**

ONLY Lm35

ALUMINIUM
T.V. Tables
with a
10mm
glass top.



Choose from a variety of colours on plain or engraved aluminium. No more rust problems.

Available from leading shops.
Trade Enquiries:
Tel. 646766/640091

**BABYLAND**

Dun Pawl Street,
Luqa

Stockist of :-
- Toys
- Push-Chairs
- Play-pens
- Baby Foods
- Cosmetics

*Everything for the Mother-to-be*

**FIRES BUTCHER**

**għall-aħjar qatgħa laħam frisk u tal-friza**

**Mingħand**
**il-Fires Butcher**
**tkun moqdi żgur**

**40 Church Square,**
**Imqabba**
**Tel: 683690**

**FRIDA TRANSPORT SERVICE**

By
Joseph Grech & Sons
Tel: 827860

**Għal kull xorta ta' transport**

Irrikkorru

"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba




# ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD.

Taħlita ta' ċereali, ful u żrieragħ ta' kwalità maħsuba biex iżżomm il-ħamiem f'saħħtu u f'kundizzjoni tajjeb, tagħti dik l-enerġija u dawk is-sustanzi meħtieġa kemm waqt it-tiġrija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEFIRST kif ukoll fit-trobbija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEBRED.

**ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD**
PROVENDER MILLERS
VALLETTA ROAD, LUQA.
TEL. 621735/627202/26970/603492.



. tfajjel Joseph Farrugia ta' 7 snin

## ĦAMSIN SENA ILU...

# Disgrazzja fil-Każin

Fl-antik kienet id-drawwa li fil-ġranet tal-festa kien isir l-isparar tal-maskli. Dawn kienu jinħarqu jew fil-pjazza tar-raħal jew inkella fuq iz-zuntier tal-knisja.

Il-maskli kienu blokka tal-ħadid imtaqba minn ġon-nofs madwar tlett kwarti ta' pulżier u toqba oħra fil-ġenb ta' madwar linja minn fejn jinħarqu. Dawn kienu jiġu ikkargati bil-porvli u wara bix-xaħx tal-franka.

Dawn il-maskli kienu jitpoġġew f'forma ta' ringiela u kienu jinħarqu permezz ta' biċċa xkora taqbad marbuta ma' njama twila.

Dak iż-żmien dawn il-maskii kienu jiġu ikkargati fil-bitħa tal-Każin. Fil-15 ta' Awissu, 1939 kienet ġrat disgrazzja ġol-Każin. Kien nhar il-festa waqt il-quddiesa tal-paneġierku meta Carmelo Farrugia li kellu l-Bottegin tal-Każin kien ħalla wieħed mit-tfal tiegħu Joseph fil-bar. It-tifel li kellu seba' snin sab xi porvli li kienu jikkargaw il-maskli bih, u li bi żball kien tħalla fil-bottegin u ta' tifel li kien tah in-nar.

Il-Bottegin ħa n-nar u t-tifel baqa' mejjet fil-post. Kienet disgrazzja kbira u għalkemm il-Festa tkompliet, in-niket kien jidher fuq wiċċ kulħadd.

Ta' min isemmi illi ritratt ta' Santa Marija li kien fil-Bottegin u li għadu jinżam sal-lum ma ġralu xejn.


BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK LTD
MRIEHEL MALTA
CISK
1980
1980
LAGER
...a taste
of success.
A quality beer from FARSONS

# MQABBA MINI-MARKET

(IL-MARKIS)

St. Cathrine Str., MQABBA

Nixtiequ l-festa t-Tajba lill-klijenti kollha

# ALESSIO STATIONERY

CARDS • HABERDASHERY
• CASSETTES • FILMS
• VIDEOS •
INDOOR PLANTS
SOUVENIRS
and all you need for
any occassion.

117, PARISH STREET,
MQABBA.

TELEPHONE: 683292

# Galdes & Mamo Ltd.

81, ST. CATHERINE STREET, MQABBA.
TELEPHONE: 683142
Agent for

# Royal Insurance

undetakes all classes of Insurance including:

- MOTOR
- FIRE
- BURGLARY
- EMPLOYERS' LIABILITY
- YACHT & PLEASURE CRAFT
- PLATE GLASS
- TRAVEL
- MARINE
- PERSONAL ACCIDENT
- PUBLIC LIABILITY
- HOUSEHOLDER/HOUSEOWNER COMPREHENSIVE

*For all your requirements of:*

- TERRAZZO TILES
- ROOF TILES
- GRANITE
- SEMI-MARMETTONE
- MARMORESINA
- PEBBLE TILES FOR POOLSIDES
- FLOOR POLISHING

plus a large selection of **CERAMIC FLOOR TILES** in different textures, colours and sizes.

***HAL MANN - The leading supplier of GRANITE and MARMORESINA for flooring, stairs, skirting and building facades.***

**HAL MANN**

Mosta Road, Lija.
Tel: 445678, 442923, 489308.

# CONCORDE MINI MARKET

## Karmnu Ciantar Str., Mqabba

Jawguraw Festa sabiħa lin-Nies Kollha ta' l-Imqabba. Jixtiequ jfakkru wkoll li barra servizz tas-soltu joffru wkoll servizz ta' żviluppar ta' ritratti, booking ta' ħelu għall-parties, tiġijiet, eċċ., kif ukoll varjetà ta' Souvenirs għal kull okkażjoni. Jagħmlu wkoll tqassim ta' xirjiet fejn ikun hemm bżonn.

Tel: 680922



Fir-ritratt jidhru l-finalisti flimkien ma' l-isponsor tal-Kompetizzjoni

## *ATTIVITAJIET SPORTIVI*

Din is-sena fis-Soċjeta' tagħna ġiet organiżżata kompetizzjoni ta' l-Isnooker. Din kienet fuq bazi ta' Knock-Out. Attivitajiet bħal dawn iqajmu interess kbir fost il-parteċipanti. Anke is-soċi jieħdu interess peress li jkunu ħerqana sabiex ikunu jafu min ser jgħaddi għall-fażi finali.

Għal din il-kompetizzjoni li kienet sponsorjata mis-Sur Charles Saliba tas-"Swiss Chalet", Buġibba, ħadu sehem mhux inqas minn 26 kompetitur. Dawk li waslu għall-finali tagħħa kienu s-Sur Nicholas Briffa u S-Sur Adrian Zahra.

Din in-Knock-Out intrebħet mis-Sur Nicholas Briffa. Ir-Rebbieħ ingħata Trophy għal sena flimkien ma' oħra iżgħar. Ir-Runner-Up ingħata wkoll Trophy.

Il-premjijiet ġew imqassma mis-Sur Charles Saliba. Il-Kumitat jixtieq jieħu din l-okkazjoni sabiex jirringrazzja lil kul min ħa sehem, kif wkoll lill-Isponsor ta' din il-kompetizzjoni.

## XALATA KBIRA L-GHADA TAL-FESTA

**Navżaw li min irid jiġi x-xalata**
**fis-16 ta' Awissu ghandu**
**javviċina lill-Kumitat tan-Nisa**
**Tluq minn hdejn il-Każin fis-1.30 p.m,**

# FRIZOLL

MANUFACTURERS OF
COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT

**PAOLA HILL**
**PAOLA**

FOR ESTIMATES & MAINTENANCE
PHONE: 806866/824388

# ELLUL WOODWORK
## MQABBA

GĦAL KULL XORTA TA'
XOGĦOL TA'

APERTURI, GĦAMARA U
KOLONNI TAT-TARAĠ
BI PREZZIJIET MODERATI

**ELLUL WOODWORK**
**Valletta Road, Mqabba.**
**Tel: 683152**

# Martin Monreal
## IRONMONGERY

Issibu għall-bejgħ:
*Madum, żebgħa ta' kull kwalità, ħġieġ u ħafna oġġetti utli għall- bini.*

St. Andrew Street, Żurrieq

Tel: 682435

# CARMEL VELLA

**Labour Ave. Naxxar**
**Tel: 412469**
**412061**



***Asphalting***
***Ready Mix Concrete***
***Bricks - Sand - Torba***

# KRISTIANNE

*MATTIA PRETI SQR.,*

*ŻURRIEQ*

Stockists:

- **Household Goods**
- **Perfumes**
- **Cosmetics**
- **Baby Foods**
- **Everything for Mother-to-be and New Born, etc.**

**Tel: 827391**




BONNICI'S PRESS 36, St. Paul Street, Valletta 224607.